# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 443/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Stephen Chircop**

iben Joseph, imwieled Pieta', fl-24 ta' April, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 185766(M)

Illum, 21 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Chircop quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-27 ta' Dicembru, 2012 ghal– habta tal – 16:45 Hrs fit-Telgha t'Alla w' Ommu, Naxxar:

(1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontrol tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAW 353 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

(2) talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni. HAW 352 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsuma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-appellant jigi skwalifikat mil-licenzja kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' elf u mitejn Euro (€1200) u ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen Chircop tal-11 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar kemm id-digriet moghti fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Novembru 2013 permezz ta' liema l-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba li l-esponent ghamel tramite d-difensur tieghu li jaghmel il-kontro-ezami tal-Pulizija PS 830 u kif ukoll is-sentenza precitata tal-5 ta' Novembru 2013 moghtija mll-Qorti tal-Magistrati (Malta) u minflok tipprovdi billi ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk tilliberah minnhom.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Bid-digriet moghti fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Novembru 2013 permezz ta' liema l-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba li l-esponent ghamel tramite d-difensur tieghu li jaghmel il-kontro-ezami tal-Pulizija PS 830 u kif ukoll bis-sentenza precitata tal-5 ta' Novembru 2013 moghtija mll-Qorti tal-Magistrati (Malta) senjatament peress illi l-imsemmija digriet u sentenza ma humiex konformi mal-ligi, ma humiex ekwi u gusti u ma jikkonformawx ruhhom mal-principji tal-gustizzja naturali ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ghoti ta' smiegh xieraq peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma ppermettix lill-appellant jressaq u jikkontroezamina l-Pulizija PS 830 u anke peress illi l-imsemmija sentenza hija ukoll zbaljata in kwantu li l-Qorti ma apprezzatx il-fatt illi l-fatti li dwarhom kien akkuzat l-esponent kellom jigu ppruvati sal-grad illi ma kellu jkun

hemm l-ebda dubbju li dawn kienu jikkonkorru kollha fl-istess hin (cioe' fil-hin li l-esponent kien qieghed jsuq vettura) – haga li ma sehhitx!!!

Illi oltre 'l fuq premess id-decizjoni appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma tikkonformax mal-principji tal-gustizzja naturali, senjatament peress illi hija indecifrabbli u hija anke nieqsa mill-grad ta' carezza u motivazzjoni rikjesta mill-ligi.

Illi dwar l-apprezzament tal-fatti l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet, bir-rispett kollu, ukoll zbaljata totalment u anke applikat il-provvedimenti u uzanzi legali applikabbli ghall-process kriminali b'mod zbaljat.

Illi jirrizulta lampanti mill-provi li l-Pulizija PS 830 ma kienx prezenti waqt illi l-esponent kien qieghed isuq il-vettura tieghu u meta sar l-incident fl-16:45pm – kien qieghed xoghol gewwa l-Ghassa tal-Qawra - effettivament ma rrizulta qatt li l-appellant kien qieghed isuq taht l-effett tal-alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mil-limitu preskritt.

Illi effettivament il-kampjun "Breath Alcohol Test Record" ittiehed (skond l-istess dokument) fis-17.55pm – wara li esponent kien gja mar-fid-destinazzjoni tieghu – l-post tar-residenza tieghu (hekk kif jirrizulta mit-tahrika stess) – u fil-fatt kien minn dan il-post li l-appellant gie mehud biex jiehu t-test.

Illi kif inghad aktar 'il fuq l-oneru tal-prova rikjest fil-kamp penali huwa mixhut fuq il-prosekuzzjoni u l-Qorti ghandha l-obbligu li ssib lill-imputati hatja biss jekk il-provi tal-prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u ma jhallu ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat – *in dubbio pro reo*. Din hija l-prassi legali ben stabbilita f'dal pajjiz [vide '**il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi misjub hati, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre

kull dubbju dettat mir-raguni [vide **il-Pulizija vs Joseph Cini** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Gunju, 2012]. Huwa veru mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi liberat, izda l-fatt jibqa' li dak li malli jkun dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-gudikant, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni ma giex hekk ppruvat allura l-gudikant ghandu jillibera l-imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi oltre dan hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u dan dejjem sal-grad ta' konvinciment morali tal-gudikant [vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Marzu 2000]. Dan m'hu xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali taghna, li min qed jallega fatt irid jippruvah.

Mill-banda l-ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jghamlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli [vide **Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju 1998].

Illi in materja ta' procedura, hu notorju li l-prosekuzzjoni m'ghandhiex biss l-oneru tal-prova, izda anki l-obbligu li ggib l-*ahjar* prova – dina ma ngabitx!!!

Fuq kollox pero' jinghad dan kollu meta il-Qorti tal-Magistrati giet biex tiddelibera l-kaz, hekk kif rikjest fil-kamp tal-ligi kriminali nostrali, kellha tapplika b'mod rigoruz il-principju bazilari *in dubbio pro reo*.... u huma appuntu d-dubji kollha li jirrizultaw bl-aktar mod qawwi mix-xhiedha xejn kostanti tal-prosekuzzjoni li kellhom jwasslu lil dik il-Qorti sabiex ssib l-imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk tilliberah minnhom – u hekk, bir-rispett kollu, ghandha taghmel dina l-Onorabbli Qorti wara li tifli l-atti processwali tal-kawza odjerna.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Preliminarjament, jigi rilevat li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti kienet wahda sommarja. Dan ifisser illi x-xhieda ta' dawk li xehedu ma gietx traskrittta u ghalhekk din iil-Qorti kellha tisma x-xhieda mill-gdid.

L-ewwel aggravju li qajjem l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma taghtux l-opportunita' li jezamina x-xhieda moghtija minn PS830 Charles Debono in kontro-ezami. Dan l-aggravju gie sorvolat billi din il-Qorti awtorrizat is-smiegh ta' dan ix-xhud.

Illi l-Avukat Generali qajjem il-punt li dan l-appell hu null billi ma gewx segwiti l-precetti tal-artikolu 419(1)(a) li jispecika li r-rikors tal-appell irid ikun fih il-fatti tal-kaz fil-qosor. Din il-Qorti ezaminat ir-rikors tal-appellant u effettivament dan ir-rikors ma fih ebda rakkont tal-fatti tal-kaz. Ghalhekk, ghal din ir-raguni dan l-appell ghandu jigi konsiderat bhala null.

Illi madankollu, din il-Qorti ezaminat il-fatti li taw lok ghal dan l-appell. Mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta' Dicembru, 2012 Dennis Demicoli kien niezel it-telgha msejha ta' Alla u Ommu. Kif wasal fil-wita vettura ohra giet warajh. Hu tefa mal-gemb biex ihalli din il-vettura tghaddi izda haditlu l-gemb u baqghet sejra. Demicoli baqa jsuq wara din il-vettura u lahaqha meta waqfet fi Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar. Din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-appellant Stephen Chircop u hu joqghod f'din it-triq.. Demicoli kellem lill-appellant li min-naha tieghu hareg bi flixkun tal-birra f'idejh u haslu. Skont Demicoli, l-appellant kellu riha ta' xorb. Gew fl-idejn u wara Demicoli mar l-ghassa tal-Qawra u hemmhekk ghamel ir-rapport tieghu.

Illi PS830 Charles Debono xehed li Demicoli dahal fl-ghassa bil-qmis riha ta' birra. Il-pulizija fuq insistenza ta' Demicoli marru fi Triq il-Wileg u gabu lill-appellant l-ghassa. Hemmhekk, sar it-test tan-nifs li rrizulta pozittiv ghall-alkohol fi grad mhux permess mill-ligi.

Illi l-appellant jikkontendi li ma giex imwaqqaf mill-pulizija waqt li hu kien qed isuq izda ngieb l-ghassa wara li dahal id-dar.  Ghalhekk, ma hemm ebda prova jekk l-appellant kien xurban meta dahal id-dar.  Ghalhekk, hemm dubju li ghandu jmur favur l-appellant.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sewqan tal-appellant fih innifsu jindika li hu ma kienx fil-kontroll tal-vettura tieghu.  Apparti l-fatt li Demicoli spicca bil-birra fuq hwejgu, dan hu fatt iehor ta' komportament mhux normali tal-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Stephen Chircop u tikkonferma s-sentenza appellata.